# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1485/00**

**Numru 29**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Carmelo Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mitt lira Maltin u tletin centezmu (Lm800.30,0) bilanc minn somma akbar, imhallsa lill-konvenut indebitament bhala ghajnuna medika ghall-perjodu bejn is-6 ta' Gunju 1992 u l-25 t'Ottubru 1996 u dan peress illi matul l-istess zmien il-konvenut kien qed jahdem.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm800.30,0 bl-imghax legali mill-17 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur